Mons. Dun Gwido Calleja (7.x.1928-1.viii.2018)
Kompożitur ta' innijiet sagri




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Isem il-Mons. Dun Gwido Calleja – li għalih, kif inhu xieraq, qed niddedika dal-artiklu f'għeluq l-ewwel anniversarju minn mewtu – kien bil-wisq maħbub mill-Ġiljaniżi, u kien fuq fomm kulħadd għall-ħafna opri sbieħ li twettqu fi żmien li dam kappillan bejn l-1956-65, fosthom il-bini ta' knisja parrokkjali ġdida u moderna, li nfetħet uffiċjalment f'Awwissu 1968, u t-twaqqif tal-kor li jġib l-isem tal-Qaddis patrun ta' das-subborg marittmu, f'Novembru 1957. Iżda kif se naraw ukoll, Dun Gwido, minbarra li kien meqjus bħala l-akbar benefattur tal-parroċċa, minħabba l-bini tal-knisja l-ġdida, kien ukoll mużiċist u kompożitur tal-'Innu Lil Sant' Antnin' (1954) u l-Innu 'l-'E.T. Mons. Sir Michael Gonzi, Arċisqof Metropolita ta' Malta', fl-okkażjoni tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali l-ġdida ta' San Ġiljan' (1961) – it-tnejn versi tal-poeta Naxxari, Dun Anton Xiberras. Kiteb ukoll il-'Quddiesa ta' Stella Maris' (1970); liema kompożizzjoni se nkunu qegħdin nanalizzawha mużikalment f'ċertu dettall. Se naraw ukoll kif fi żmienu kienu nxtraw żewġ orgnijiet ġodda fjamanti, il-wieħed għall-knisja parrokkjali l-qadima, magħrufa bħala 'Ta' Lapsi', fl-1958, u ieħor, ħafna akbar, għall-knisja l-ġdida, li kien ġie inawgurat b'kunċert mill-organista magħruf Naxxari, Dun Karm Scerri, fl-1967.

Kliem muftieħ: San Ġiljan, Knisja ta' Lapsi (San Ġiljan), Parroċċa San Ġiljan, Parroċċa Stella Maris, Dun Gwido Calleja, Dun Karm Scerri (organista), Quddiesa 'Stella Maris', Għaqda Każini tal-Banda, University of Malta 'Ġ'F. Abela' Junior College, Soċjetà Mużikali 'Spinola' (San Ġiljan), Każin Banda 'San Ġiljan' (San Ġiljan), Kor ta' San Ġiljan, St. Julian's Choral Group.


Dun Gwido Calleja ordnat saċerdot fit-2 t'Awwissu tal-1953

Qabelxejn, nixtieq nibda b'aħbar li kienet dehret fil-bullettin parrokkjali 'Xaqq Dawl'[1] fil-paġna dedikata kollha kemm hi għall-aħbarijiet fil-qosor tal-parroċċa': 'Dun Gwido Calleja – Dan is-Saċerdot ħabrieki li diġà ħadem ħafna f'San Ġiljan, konna nafuh f'dawn is-sentejn bħala Kappillan tal-Arċisqof. Illum huwa telaq għal Ruma biex jagħmel kors f'Kulleġġ tal-mużika Sagra. Nawgurawlu.'

**Profil mużikali ta' Dun Gwido Calleja**: Imwieled f'Tas-Sliema fis-7 t'Ottubru 1928, tgħallem il-mużika u l-pjanu mal-organista magħruf, Dun Karm Scerri (25.i.1905-5.iii.1981) meta kien għadu s-Seminarju. Skontu, beda jistudjaha 'meta d-dinja bdiet tirranġa'[2]. Tliet snin wara li ordna saċerdot fit-2 t'Awwissu 1953 mar sentejn jitgħallem il-mużika fil-*Conservatorio di Musica Sacra* f'Ruma[3]. Kif jgħid f'kitbietu stess, kien ġej minn familja fejn min-naħa t'ommu u ta' missieru kulħadd kien idoqq xi strument



Parti mis-sunett tal-Innu, immużika fuq versi ta' Dun Anton Xiberras

[1] Bullettin parrokkjali, Settembru 1955, Is-Seba' Sena, Għadd 3.
[2] *Op cit.* 'San Ġiljan – 100 Sena Parroċċa: 1891 -1991', p. 235.
[3] 'Dun Anton - Kitbietu Miġbura', Vol. 2, p. 179.

tal-mużika. Infatti, meta kien żgħir, il-ġenituri tiegħu kemm-il darba ħaduh magħhom biex jisma' l-opri fit-Teatru Rjal. Minbarra l-'Innu lil Sant' Antnin'[4] ikkompona wkoll l-'Innu lill-E.T. Mons. Sir Michael Gonzi Arċisqof Metropolita ta' Malta[5]' fl-okkażjoni tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali ġdida ta' San Ġiljan fid-9 ta' Lulju 1961[6]. Il-versi ta' dal-Innu huma wkoll ta' Dun Anton Sciberras[7]. Sfortunatament, il-melodija ħelwa li kantaw tant bil-qalb il-kor immexxi mill-Kan. Dun Karm Calleja (4.vii.1927-4.ix.2013) ma stabitx.


TBERIK U INAWGURAZZJONI TAL-ORGNI L-GDID
fil-Knisja Parrokkjali ta' San Giljan
nhar it-23 ta' Novembru 1958

-o-o-o-o-o-o-o-o-o-

PROGRAMM

1. DISKORS MIL-KAPPILLAN.
2. MONS. ARCISQOF METROPOLITA JBIEREK L-ORGNI L-GDID.
3. IR-REV. CARMELO SCERRI JESEGWIXXI DAWN IL-BCEJJEC:-
   BACH - Varjazzjoni mil-Corale in Sol Minore
   BOELMANN - Toccata in Do Minore
   MENDELSOHN - War March of the Priests
   DE LA TOMBELLE - Interludio
   HANDEL - Alleluia.

************************

Programm li kien sar fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tall-orgni l-ġdid fil-knisja 'Ta' Lapsi' fl-1958

**Orgni ġdid għall-knisja l-qadima**: Waqt li kont qed inqalleb bħas-soltu fl-arkivju tal-knisja l-qadima sibt karta daqs sitt pulzieri kwadra merfugħa pulit kemm jista' jkun ġo folder tal-plastik. Fuqha hemm imniżżel programm li kien sar fit-23 ta' Novembru 1958 fil-knisja parrokkjali (il-qadima) ta' San Ġiljan. L-okkażjoni kienet it-tberik u l-inawgurazzjoni ta' orgni ġdid. Il-programm fetaħ b'diskors mill-Kappillan Dun Guido Calleja, segwit mit-tberik tal-orgni l-ġdid mill-Mons. Arċisqof Metropolita, filwaqt li r-Rev. Carmelo Scerri esegwixxa dal-bċejjeċ li ġejjin: Varjazzjoni mill-'Corale in Sol Minore' (J.S. Bach), 'Toccata in Do Minore' (Léon Boëllmann), 'War March of the Priests' (Felix Mendelssohn), 'Interludio' (Fernard de La Tombelle), u l-'Alleluia' (George F. Handel) bħala gran final mill-aktar maestuż.

Issa kif jaf kulħadd, meta ssemmi orgni tal-knisja f'San Ġiljan kulħadd imurlek mill-ewwel għal dak li hemm illum fil-knisja l-ġdida. Hi għalhekk ħaġa tassew kurjuża kif minn daqstant tagħrif li ngħata minn kittieba diversi f'iżmna differenti fuq il-knisja Ta' Lapsi qatt ma ħareġ il-fatt li fi żmien il-parrokat ta' Dun Gwido Calleja kien inxtara xi orgni ġdid għall-knisja l-qadima. Fittex minn hawn u qalleb minn hemm, sa fl-aħħar sibt il-prova li ridt fl-editorjal tal-programm tal-festa ta' San Ġiljan Ospitalier (1959). Fih isemmi xi ħidmiet kbar li Dun Gwido kien ġa wettaq matul l-ewwel ħames snin tal-parrokkat tiegħu, fosthom li kienet 'saret l-irħama tal-artal maġġur u l-konsagrazzjoni tiegħu.' Isemmi wkoll, li l-Kappillan kien ġa akkwista 'art prezzjuża u ċentrali għall-bini tal-knisja l-ġdida', u ħaseb 'għall-pjanta komplita tal-knisja l-ġdida, bi skola għall-edukazzjoni reliġjuża tat-tfal u ż-żgħażagħ, u b'sala għar-rikrejazzjoni tal-parruċċani.' Ma' dil-lista, l-editorjal isemmi wkoll li, Dun Gwido kien 'daħal għall-ispiża mhux żgħira ta' tiswija ġenerali tal-kampnar u l-qniepen u restawr u żieda tal-armar tal-festa ta' barra.' Iżda, l-aktar ħaġa importanti għalina hawnhekk hu l-fatt li, l-editorjal isemmi wkoll li kien mertu tiegħu li l-'KNISJA ŻŻEJNET B'ORGNI MILL-ISBAĦ U MODERN.' Jidher li dis-serata kienet intiża allura biex tiċċelebra t-twettiq ta' dal-opri kollha li saru bil-ħila ta' Dun Gwido, deskritt mill-editur bħala 'ħaddiem, u qalbieni minn dejjem.'

Okkażjoni oħra sabiħa li fiha ndaqq dal-orgni l-ġdid 'Ta' Lapsi' minn Dun Karm Scerri kien il-Ġublew tal-fidda saċerdotali ta' nhar il-Ħadd filgħodu, 19 ta' Ġunju 1960, fejn ġiet iċċelebrata quddiesa kantata bħala ringrazzjament lil Alla fl-għeluq il-25 Anniversarju tal-Ordinazzjoni ta' Dun Franġisk Zammit

[4]Ara artiklu tiegħi li deher fil-ktieb 'Dun Anton – Kitbietu Miġbura', Vol. 2, pp. 542-9. (Editur: Borg Andrew; Pubblikazzjoni: Deer Publications; Stampar: Bestprint, Qrendi, Malta 2010).

[5] Mal-ordinazzjoni tiegħu, l-Arċisqof Gonzi kien ħatru kappillan tiegħu; liema ħidma, skont Dun Anton Sciberras, 'wettaq bl-akbar skruplu' (*Ibid.* 2). Spiċċa minn dil-ħidma biex mar jistudja l-mużika sagra fil-konservatorju ta' Ruma bejn is-snin 1955-6.

[6] Das-sunett kien ġie stampat f'Lombardi's Press, Sliema. Nihil Obstat: P. Alfonsus M. Camilleri o.f.m Cens. Theol. Is-sunett iġib id-data tal-24 ta' Lulju 1961.

[7] Ħafna drabi, Dun Anton kien jippreferi jniżżel kunjomu bħala Xiberras milli Sciberras, l-istess bħalma hawn min jippreferi Xerri minflok Scerri.

(9.xii.1909-1.iii.1983), Viċi Kappillan ta' San Ġiljan. Il-mużika u l-vuċijiet kienu taħt id-direzzjoni ta' Dun Gwido Calleja.

**Twaqqif tal-Kor Ġiljaniż**: L-istess Dun Gwido, li kien kappillan ta' San Ġiljan bejn is-snin 1956 u 1965, jirrakkonta kif Dun Karm Calleja 'kemm-il darba rawwem xi ftit tfal tal-parroċċa fil-kant'[8] fix-xhur tas-sajf meta t-tnejn kienu jattendu l-istess kors fis-Seminarju. Dan tal-aħħar kien fil-fatt 'reġa' fforma l-kor tat-tfal li kienu jkantaw tajjeb ferm'[9] meta mbagħad laħqu qassisin fl-1953. Isemmi kif fl-istess sena, dal-kor kien kanta l-parti tas-soprani[10] fil-'Missa Pontificalis Secunda' ta' Mons. Lorenzo Perosi (1872-1956), diretta minn Padre Capponi, fl-ewwel quddiesa solenni ta' Dun Karm; liema quddiesa reġgħet tkantat fl-okkażjoni tal-festi taċ-Ċentinarju tad-Domma tal-Immakulata fil-knisja konventwali ta' San Franġisk il-Belt fl-1954, taħt Mro Domenico Bartolucci (1917-2013).

Fil-bullettin parrokkjali 'Xaqq Dawl'[11] niltaqgħu ma' aktar tagħrif relatat mal-ġenesi tal-kor fil-paġna fejn deher il-programm sħiħ tal-festi tal-Milied 1954 fil-Parroċċa ta' San Ġiljan: … 'Fil-10:45 p.m. beda l-Matutin bir-responsorji bil-mużika u tkanta l-aħħar notturn. Kif spiċċa mxejna purċissjoni, fejn fuq l-artal ta' S. Ġużepp kien hemm il-Bambin li refa' l-Kappillan (Dun Lippu Grech) sa fuq il-Maġġur. Il-Knisja kienet fgata bin-nies. Ma' nofs-il lejl ħarġet il-Quddiesa kantata u saret il-prietka mill-abbati John Tanti. Fuq l-orgni: Dun Edwin (Sammut)[12] (u) fuq l-armonju, Dun Karm (Calleja), imexxi kor tal-Aspiranti tal-Azz. Katt.: magħhom kor ta' rġiel u ġuvintur tal-Azz. Katt., żewġ vjolini u vjolinċell. Kienet orkestra ħelwa immexxija mill-bravu Dun Guido Calleja.'

F'paġna oħra ta' 'Xaqq Dawl'[13] insibu wkoll programm sħiħ u dettaljat li kien sar fit-22 ta' Mejju 1955 fil-5:00 p.m. fl-okkażjoni tal-Gara Katekistika Aspiranti. Fost il-bċejjeċ li indaqqew kien hemm: 'Marcia Pontificia' (Gounod), 'Panis Angelicus' (Franck), 'Angelus' (Castelli, b'versi bil-Malti ta' Dun Anton Xiberras), l-Innu uffiċċjali tal-Aspiranti, u l-Innu tal-Papa (Gounod). Il-kant kien eżegwit mill-Iskola Cantorum – sezzjoni Aspiranti, u tfal tad-duttrina. Il-kor kien taħt id-direzzjoni ta' Dun Gwido Calleja.



Dun Gwido jidderieġi l-Kor Ġiljaniż fl-ewwel dehra pubblika tiegħu fl-1957

Dejjem skont Dun Gwido, l-istess kor tat-tfal kien kanta wkoll l-Quddiesa ta' John Cliff Forrester flimkien mal-orkestra[14] meta Dun Fortunato Axiak qaddes f'San Ġwann il-Belt fis-7 t'Awwissu 1955. **Għal Dun Gwido dan kien il-bidu tal-Kor ta' San Ġiljan, li fil-biċċa l-kbira tiegħu kien magħmul mid-dilettanti tal-parroċċa**. Dun Karm Calleja, minbarra li kien għallimhom il-quddiesa, kien kanta mal-baritni wkoll. L-istess Dun Karm jgħidilna, li 'b'dan il-kor, wara sentejn li sirt qassis (i.e. 1955) il-Kapp. Dun Gwido u jien bdejna l-ewwel Christmas Caroling ġo Malta fi żmien il-Milied fit-triqat ta' San Ġiljan u fl-isptarijiet.'[15]

---

[8] *Op cit.* Ktieb storiku, p. 236.
[9] *Ibid.*
[10] Sa dak iż-żmien, in-nisa ma kinux jitħallew ikantaw fil-kor waqt il-funzjonijiet liturġiċi.
[11] Diċembru 1954, is-VI sena, Nru 4.
[12] Kien wieħed mill-ewwel tliet saċerdoti li kellha l-parroċċa ta' San Girgor fl-perjodu 1943-50. [Winston L. Zammit: Tas-Sliema (1901-50), p. 270.]
[13] Ġunju 1955, Is-VII Sena, Nru 2.
[14] Dil-Quddiesa għal żewġ vuċijiet ugwali kienet ġiet orkestrata minn Dun Gwido. (Ktieb Storiku, p. 236)
[15] *Ibid.* p. 219.

Kif rajna diġà, fis-sena li qegħdin insemmu, Dun Gwido kien mar ikompli jistudja l-mużika Ruma. Dan jfisser li hu tela' f'xi żmien wara x-xahar t'Awwissu, u wisq probabbli għamel sena akkademika waħda biss ġewwa l-*Conservatorio di Musica Sacra*. Kif jirrakkonta hu stess[16], fis-sajf tal-1956 kien Malta għax-xhur tas-sajf, u t-tir tiegħu kien li jissokta bl-istudji mużikali tiegħu l-Italja. Imma ġara li ma setax jkompli għax kien ġie msejjaħ mill-Arċisqof biex jieħu l-parroċċa ta' San Ġiljan; liema pussess ħadu fit-18 ta' Novembru tal-istess sena. Intant, sena wara li Dun Gwido kien laħaq kappillan, mal-kor tat-tfal u xi żgħażagħ irġiel, kienu żdiedu wkoll numru kbir ta' nisa u xebbiet bħala soprani u kontralti, biex b'hekk ġie iffurmat il-Kor ta' San Ġiljan.[17] Jidher li għall-bidu tiegħu, dal-kor kien jiltaqa' f'xi remissa li kien hemm quddiem il-bieb tal-ġenb tal-knisja 'Ta' Lapsi'.[18] Is-serata inawgurali tal-kor fil-fatt saret fl-1957 ġewwa is-sala ewlenija tal-iskola fil-Kunvent tas-Sorijiet tas-Sacred Heart li fiha tkantaw xi għanjiet tal-Milied.

Bla dubju ta' xejn, meta Dun Gwido ġie biex iwaqqaf dal-kor mexa fuq l-istess mudell tal-Kor tal-Ħamrun (imwaqqaf fl-1949), mibdi minn Dun Nerik Cordina Perez, u taħt it-tmexxija ta' Dun Ġużepp Cachia, u li kien l-ewwel kor tax-xorta tiegħu li jħaddan nisa u rġiel f'daqqa. L-iskop ewlieni ta' dal-kor kien li jagħti servizzi 'l-knisja parrokkjali Ġiljaniża billi jsebbaħ il-funzjonijiet liturġiċi tagħha, kif ukoll jagħmel xi attivitajiet rikreattivi fl-istess parroċċa.[19] Għal dal-għan, Dun Gwido kien ried jieħu ħsieb jagħmel it-traskrizzjonijiet u l-arranġamenti mużikali li kien hemm bżonn, u jsib il-ħin għall-provi mal-koristi. Jidher li, il-kor kien sab saqajh malajr u beda miexi 'l quddiem, kemm fl-għadd ta' membri, li kulma jmur beda jiżdied, kif ukoll mużikalment f'dik li hi kwalità; għal darbtejn fuq xulxin siefer l-Italja għall-konkors internazzjonali għall-korijiet f'Pescara biex jipprova jirbaħ il-premju Fides. Fil-fatt, dan irnexxielu jagħmlu f'Settembru tal-1965 meta rebaħ il-kategorija tiegħu. Iżda għall-darb' oħra, Dun Gwido kellu jħalli t-treġija tal-kor biex fl-istess sena laħaq Kappillan ta' Stella Maris.


Is-Sur Charles Cremona waqt attivita' f'Detroit

**Orgni ġdid għall-knisja l-ġdida**: Skont Spiru Tanti (1910-22.12.1992), f'wieħed mill-ħafna rakkonti tiegħu li kienu jidhru fil-'Mixja tal-Komunità ta' San Ġiljan Lejn il-Verità', kien iltaqa' mas-Sur Charles Cremona b'kumbinazzjoni meta dan kien fuq btala f'Malta. Dakinhar stess filgħaxija inzerta li Spiru kellu jkanta fil-knisja tal-Imsida għall-festa ta' San Ġużepp li taħbat għal nofs Lulju.[20] Għaldaqstant, hu ħajjar lis-Sur Cremona biex imur jisimgħu jkanta. Issa, peress li ħu Cremona kien ukoll benefattur, tant li minn butu kien ħallas biex isiru l-altar maġġur u l-kanċell tiegħu tal-knisja Misidjana, Charles tħajjar jagħmel xi opra f'xi knisja hu wkoll. Spiru ħatfu fil-kelma u ħajru biex jagħmel xi ħaġa għall-knisja l-ġdida ta' San Ġiljan kif kienet għadha fi stat ta' kostruzzjoni u kienu jinħtieġu flejjes kbar biex titlesta mill-ġebel. Għall-ewwel Spiru kien issuġġerielu biex jagħmel l-altar maġġur peress li s-Sur Cremona xtaq li jagħmel xi ħaġa li permezz tagħha igawdi minnha Ġesù Sagramentat. Iżda, għad li l-flus għas-Sur Cremona ma kinux problema, hu xtaq xi ħaġa aktar subblimi fil-ħsieb. Min-naħa tiegħu, Spiru, li kien jiddelitta bil-kant, issuġġerielu li jinxtara xi armonju[21] sabiħ. Is-Sur Cremona mhux talli ma qabilx ma' dil-idea, talli

[16] *Ibid.* p. 225.

[17] Ktieb Storiku, p. 236.

[18] *Ibid.* p. 237.

[19] *Ibid.* p. 237.

[20] Wieħed jassumi li dil-laqgħa kienet saret fis-sajf tal-1964.

[21] Strument mużikali li jindaqq bħal pjanu fuq tastiera (*keyboard*) u jixbah lill-orgni peress li n-noti joħorġu bir-riħ minn kanen. Skont Dun Anton Sciberras, l-armonju l-kbir li kien hemm fuq il-gallerija ta' fuq il-bieb tal-knisja l-qadima aktarx li kien inbiegħ fi żmien il-kappillan Dun Gwido u l-flus li nġabru minnu marru għall-bini tal-knisja l-ġdida. L-armonju l-ieħor li hemm fl-*annexe* tal-knisja ta' Lapsi kien ilu li tħassar. L-aħħar li użawh kienu Dun Artur Fenech u Dun Edwin Sammut. Spiru Tanti kien jaf b'dis-sitwazzjoni u forsi għalhekk kien ra l-possibiltà li jista' jinxtara xi wieħed ġdid.

mar oltre minn hekk u ried li jinxtara orgni kbir tal-knisja, b'rispett ukoll tal-ħbiberija li kienet nibtet bejniethom. Mhux biss, iżda s-Sur Cremona ta somma kbira oħra ta' flus għat-tkomplija tax-xogħol. Bħala dilettant tal-mużika, Dun Gwido feraħ wisq b'dil-aħbar, u wara xi żmien marru flimkien għand l-aġent tal-orgnijiet biex jiftiehmu fuq prezz u jixtruh. L-orgni kellu jkun jixbah lil dak li hemm f'San Ġwann il-Belt imma iżgħar. Skont it-tabib u organista Hugo Agius Muscat, l-orgni kien ġie ikkumissjonat fit-8 ta' Jannar 1965.

L-istorja ta' kif ġie l-orgni skont Dun Gwido hi ftit differenti minn kif jirrakkuntahielna Spiru. Dan għaliex fir-rakkont tiegħu, dan tal-aħħar ma jissemma qatt daqslikieku ma kienx jidħol f'dil-biċċa xogħol kollha.[22] Skont Dun Gwido, l-istorja bdiet meta s-Sinjorini ta' Wismayer, Teresa u oħtha Antonia[23], kienu waqqfuh biex jgħarrfuh li ċertu Charles Cremona minn Detroit kien fuq btala f'Malta flimkien ma' martu fuq żjara lil familtu, u li hu 'xtaq ħafna jgħin xi knisja fil-bżonnijiet tagħha'[24]. Iżda jidher, li għall-ewwel dil-ħaġa ma kienx taha wisq attenzjoni. Infatti, fir-rakkont tiegħu Spiru wkoll jgħid li l-kappillan 'għall-ewwel ma tax każ għax dam ġimgħat ma niżel ikellmu.' Ir-raġuni kienet li, għall-bidu, Dun Gwido ma kienx għaddielu minn rasu li xi ħadd qatt seta' jgħin tabilħaqq, għax fi kliemu stess: 'kien żmien meta ħadd ma kien jaħseb fil-parroċċa ta' San Ġiljan.' Madankollu, wara ftit taż-żmien biddel fehmtu u ddeċieda li jmur iżur lil das-sinjur fi Triq Grenfell.[25]



L-orgni l-ġdid mixtri minn Charles Cremona għall-knisja parrokkjali l-ġdida ta' San Ġiljan

Għad li fir-rakkont tiegħu ma tissemmiex data, Dun Gwido jiftakar tajjeb li kienu x'il-11 a.m. meta mar iħabbat il-bieb tal-koppja Cremona. Il-laqgħa tidher li kienet ħafna kordjali tant li, is-Sur Cremona offra mill-ewwel li jikkontribwixxi somma konsiderevoli ta' flus għall-altari, fosthom il-maġġur.[26] L-altari weħidhom kienu ġew jiswew mat-£M3500 (aktar minn €8000), b'aktar minn nofshom jagħtihomlu f'idu dak il-ħin stess. Meta Cremona staqsieh għat-tieni darba jekk jixtieqx xi ħaġa oħra, Dun Gwido kien pront u wieġbu bla tlaqliq li jixtieq orgni sabiħ.[27] Dan peress li kif jaf kulħadd, Dun Gwido minn dejjem kien xtaq li jara l-knisja ta' San Ġiljan fost l-aqwa ġo Malta f'dak li hu kant u dekor fil-funzjonijiet.

Ftit taż-żmien wara li sar dal-ftehim biex jinxtara l-orgni l-ġdid, il-Kappillan bagħat il-mudell tal-knisja 'l-fabbrika Tajlana li tibni l-orgnijiet biex isiru xi studji min-naħa tagħha ħalli jkunu jafu x'kobor ta' orgni kien meħtieġ għas-servizzi tal-knisja. F'dik li hi akkustika mbagħad, skont kif qal tajjeb Dun Gwido fir-rakkont tiegħu, dawn kienu sabu li, billi l-kanen kienu ġejjin fiċ-ċentru tan-nofs tond, ma kelliex tkun problema li l-ħoss tal-orgni jinstema' tajjeb minn kull rokna tal-knisja.[28] Ftit jiem qabel ma ħalla l-parroċċa biex imur bħala kappillan Stella Maris, Dun Gwido rċieva ċekk ieħor ta' £M600 (€2000) mingħand is-sur Cremona, did-darba biex isir il-bieb il-kbir tal-knisja l-ġdida.[29] Bla dubju ta' xejn,

---

[22] Ara l-artiklu 'Xi Ħaġa Milli Niftakar' fil-*Mixja*, Lulju 1991, Vol. 15 Nru 177, p. 7.

[23] Fir-rakkont tiegħu, Dun Gwido jniżżilhom bħala Żeżin u Tonina. Dal-aħwa kienu wkoll minn tal-ewwel fil-kor tiegħu.

[24] *Ibid.* 21.

[25] Illum Triq Dr. George Borg Olivier.

[26] Id-disinni tagħhom kienu f'idejn il-Kavallier Emvin Cremona li kien responsabbli mid-dekorazzjoni tal-knisja.

[27] Dan għaliex ukoll, grazzi għal Spiru Tanti, Dun Gwido kien ġa jaf li s-Sur Cremona kien lest li jixtri orgni għall-knisja parrokkjali l-ġdida li sa dak iż-żmien kienet għadha nofs leħja. Madankollu, jidher li Dun Gwido ma kienx semma lil Spiru waqt il-laqgħa. Ir-rakkont ma jsemmix lanqas li s-Sur Cremona b'xi mod wera li kien iltaqa' ma' Spiru xi ġimgħat qabel, u li dan tal-aħħar kien kellmu fuq xi xiri ta' orgni ġdid.

[28] Il-knisja l-ġdida u moderna, fuq pjanta tal-perit Arturo Zammit, għandha disinn ġej għan-nofs tond bħal f'anfiteatru Grieg.

[29] Skont Dun Anton, l-ewwel bieb proviżorju kien maħdum mill-kaxxi li fihom kien ġie l-orgni, u dam hekk sal-1998. ('Dun Anton – Kitbietu Miġbura', Vol. 2, p. 286).

għall-kleru u l-poplu Ġiljaniż, is-Sur Charles Cremona kellu jkun l-aqwa benefattur tal-knisja l-ġdida; kif kien xieraq, ismu jinsab imnaqqax fuq l-orgni.


Dun Karm Xerri waqt wieħed mill-ħafna kunċerti sbieħ tiegħu fuq l-orgni

Meta Dun Ġwann Galea[30] laħaq kappillan wara Dun Gwido, il-knisja kienet għadha mhix lesta meta l-orgni wasal Malta mill-Italja. Skontu, l-orgni kien ġie jiswa mal-£M4800 (‘il fuq minn €11,000 tal-lum)[31]. Meta ġie mmuntat minn espert tal-fabbrika[32] f’Novembru tal-1967 kien tgħatta sewwa bil-plastik biex it-trab ma jagħmillux ħsara sakemm waslet il-ġurnata tant mistennija tal-inawgurazzjoni tiegħu fis-27 ta’ Diċembru tal-istess sena.[33] Dun Anton kien kiteb li: ‘L-orgni tbierek minn Mons. Mikiel Gonzi u żżanżan minn Dun Karm Scerri, li daqq xi siltiet ta’ mużika sagra.’ Ix-xogħlijiet li ndaqqew kienu ta’ Alexandre Guilmant (1837-1911), Domenico Zipoli (1688-1726), Théodore Dubois (1837-1924), u J.S. Bach (1685-1750). Fl-istess serata inawgurali wkoll, il-kor ta’ San Ġiljan kien ħa sehem billi kanta sitt biċċiet tal-Milied, dejjem għall-akkumpanjament tal-orgni.[34]

**Il-Quddiesa ta’ Stella Maris (1970)**: Fost il-mużika li nafu biha tal-Mons. Dun Gwido Calleja nsibu l-‘Quddiesa ta’ Stella Maris’. Fl-aħħar paġna tal-ktejjeb bil-mużika hemm il-firma tiegħu u d-data ta’ meta nkitbet: 11 ta’ Marzu 1970. Dil-quddiesa ġiet stampata fl-M.U.P. f’Lulju tal-istess sena. Aktarx li Dun Gwido kitibha meta kien kappillan tal-parroċċa ta’ Stella Maris, Tas-Sliema, belt twelidu. Il-quddiesa fiha 11-il għanja, fosthom waħda fuq versi ta’ Soru Klarissa, tnejn fuq versi ta’ Dun Karm Farrugia, u tnejn oħra mill-pinna ta’ Dun Tony Agius:

| Nru | Paġna | Titlu | Temp | Versi |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| 01 | 03 | Innu Tad-Dħul I | *Moderato* | Soru Klarissa |
| 02 | 04 | Innu Tad-Dħul II | *Andante* | Dun Karm Farrugia |
| 03 | 05 | Mulej Ħniena | *Andante* | |
| 04 | 06 | Gloria | *Festoso-Andante-Calmo-Festoso* | |
| 05 | 10 | Alleluja | *Moderato* | |
| 06 | 11 | Jiena Nemmen | | |
| 07 | 14 | Innu Waqt l-Offerti | *Mosso* | Dun Tony Agius |
| 08 | 15 | Qaddis | *Moderato* | |
| 09 | 16 | Ħaruf t’Alla | *Andante* | |
| 10 | 17 | Innu Waqt it-Tqarbin | *Moderato* | Dun Tony Agius |
| 11 | 18 | Innu f’Għeluq il-Quddiesa | *Moderato* | Dun Karm Farrugia |

[30] Dun Gwido kien laħaq mar kappillan Stella Maris sakemm ġie l-orgni minn barra.
[31] Dun Anton Xiberras jagħti ċifra differenti minn dik ta’ Dun Ġwann. Skontu, ‘l-orgni sewa 3,800 lira, barra 200 lira oħra spejjeż biex inġieb u ntrama fil-post.’ (‘Dun Anton – Kitbietu Miġbura’, Vol. 2, p. 342). Spiru Tanti wkoll jaqbel ma’ diċ-ċifra (Ara artiklu: ‘Kif ġie l-orgni tal-knisja parrokkjali’ – Il-Mixja, Lulju 1991, Vol. 15, Nru 177).
[32] L-orgni kien inħadem minn ditta rinomata Taljana, Vincenzo Mascioni ta’ Cuvio, qrib Varese, fl-1966.
[33] Fir-rakkont tiegħu, Spiru jgħid li kien iddispjaċih immens li ma kienx ġie mistieden biex jattendi għall-kunċert inawgurali fuq l-orgni l-ġdid tal-knisja. Iżda minkejja dan hu mar xorta waħda u rnexxielu jisimgħu. Skontu wkoll, il-knisja kienet ippakkjata bin-nies li ġew biex jisimgħu lil Dun Karm Scerri idoqq siltiet klassiċi fuq l-orgni.
[34] Dr. Agius Muscat Hugo: ‘L-orgni ta’ Mascioni’. [Ktieb tal-festa San Ġiljan 2006, maħruġ mill-Kumitat Festa San Ġiljan, pp. 43 u 45.]

01 **Innu tad-Dħul I**: Tonalità: Do maġġuri; Temp: $^{2}/_{4}$; Għadd ta' battuti: 16; Vers: Ottonarju. Fil-ktejjeb tidher strofa waħda: *Sejjaħtilna Missier Alla / F'dan il-jum li int qaddist: / Bi sbuħitek, bi qdusitek, / Il-qlub tagħna Int libbist*. L-Innu fih sentenza waħda twila li tiġi f'biċċtejn indaqs, fejn fit-tieni waħda l-mużika hi ħafna aktar imlewna bis-saħħa t'akkordji kromatiċi. L-Innu jibda *piano* u jżid fil-volum permezz ta' krexxend li hemm fil-bidu tat-tieni parti, biex imbagħad jaqa' *pianissimo* f'salt wieħed u jnaqqas mill-ġirja fil-battuti tal-għeluq. Iżda dwar dal-innu ara wkoll *Sejjaħtli Missier Alla* (Ġabra ta' Innijiet għall-Quddiesa: Bil-Qima fil-Għana).

02 **Innu tad-Dħul II**: Tonalità: Fa maġġuri; Temp: $^{2}/_{4}$; Għadd ta' battuti: 16; Vers: Dekasillabu. Il-ktejjeb iġib strofa waħda: *Kemm togħġobni d-dar tiegħek Mulejja! / F'baħar hena hawn qalbi tistrieħ. / Aħjar siegħa għad-dell tiegħek minn għomma. / Qalb il-frugħa ta' dinja bla ġieħ.* L-Innu għandu l-istess forma u mqassam bl-istess mod bħall-innu ta' qablu, anki fejn jidħol kulurit. Id-differenza qiegħda fit-tonalità, fit-temp, li jimxi aktar bil-mod, fil-melodija, li hi aktar interessanti, u r-ritmu li hu aktar qabbieżi. Il-melodija fil-bidu tixbah 'il-innu nazzjonali Ġermaniż ta' Haydn, li min-naħa tiegħu kien bnieh fuq għanja folkloristika antika Kroata. L-istess mużika kienet intużat ukoll mill-qassis Anglikan John Newten biex niseġ il-versi għal għanja reliġjuża *Glorious Things of Thee Are Spoken* (eż. 1):

ez. 1



03 **Mulej Ħniena**: Modalità: Mod Eoljan (La) fuq dak Dorjan (Re); Temp: $^{2}/_{4}$; Għadd ta' battuti: 11. Proprjament, il-mużika kellu jkun fiha għaxar battuti, imma Calleja għażel li jibda b'semiminima aspett minflok *in aria*, biex b'hekk ġie ħoloq battuti żejda. In-noti tal-melodija, li aktarx qegħdin fl-ewwel ottava, jittieħdu mill-iskala modali tal-La u ttrasportati erba' gradi 'l fuq. Minkejja li dil-iskala issa tiġi tibda fuq Re minflok La, xorta waħda tibqa' żżomm l-istess karatteristiċi f'dawk li huma intervalli. U fl-ebda ħin mhu permess li l-mużika toħroġ barra minn dat-tmien noti (eż. 2). F'dik li hi forma, l-innu jinqasam fi tliet partijiet mhux indaqs li jitkantaw fi stil antifonali, fejn il-Kor jintona l-invokazzjoni u l-Poplu jwieġbu lura bħal f'eku. Iżda filwaqt li kollha jibdew *in aria*, dik tal-ewwel tieħu żewġ battuti minflok waħda u nofs. Hawnhekk, il-kompożitur seta' faċilment iqassarha biex tiġi b'erba' noti bħall-oħrajn (eż. 3). Inżid ngħid ukoll, li jekk wieħed jaqbad riga u jaqta' linja dritta bejn l-ewwel u l-aħħar nota, u oħra bejn it-tieni u t-tielet waħda, jifforma salib dekussat – l-hekk imsejħa melodija kruċiforma. Eżempju wieħed klassiku hu dak li niseġ Bach bl-ittri t'ismu stess f'waħda mill-fugi ta' *Die Kunst der Fuge*. Bħala ġgant tal-mużika Barokka kien jiddelitta ħafna b'dal-kriptogrammi mużikali fix-xogħlijiet tiegħu.

ez. 2


ez. 3



04 **Gloria**: Tonalità: Do maġġ. – Sol maġġ. – Do maġġ.; Temp: $^{2}/_{4}$; Għadd ta' battuti: 86. Il-Gloria, li hi l-itwal waħda fost l-innijiet kollha, fiha erba' taqsimiet: (a) b. 1-24; (b) b. 25-34; (ċ) b. 35-56; (d) b. 57-86. Hi tiftaħ b'introduzzjoni fejn iċ-ċelebrant (jew kantur) jintona l-ewwel vers (eż. 4): (a) dit-taqsima hi magħmula minn żewġ partijiet, il-waħda titkanta mill-Kor fl-unisonu, u l-oħra mill-Poplu (kongregazzjoni). Kull parti fiha erba' battuti introduttorji fi stil gregorjan, segwiti minn sentenza ta' tmien battuti. Fiż-żewġ każijiet, l-introduzzjoni hi l-istess, iżda mbagħad il-Poplu jwieġeb b'melodija kemxejn differenti minn dik tal-Kor; (b) taqsima qasira f'tonalità ġdida magħmula minn għaxar battuti, u li titkanta *piano* mill-Kor biss; (ċ) it-tonalità hawn terġa' teqleb għal li kienet fil-bidu. F'dit-taqsima, Kor u Poplu jalternaw bejniethom kif ġej: (i) Kor (b. 35-$42^{1}$); (ii) Poplu (b. $42^{2}$-$49^{1}$); (iii) Kor (b. $49^{2}$-56), li jkanta f'temp

ez. 4


immarkat *Sostenuto*. B'hekk, dit-taqsima tieħu forma ternarja miż-żgħar nett. Tajjeb ngħidu hawnhekk, li f'(i) il-Kor ikanta b'żewġ vuċijiet, primi u sekondi. U dil-ħaġa ma tiġrix biss fil-Gloria. F'dil-istess parti nsibu wkoll l-użu estensiv tan-nota pedala min-naħa tal-orgni. F'parti (ii) imbagħad, il-Poplu jwieġeb lura bl-istess mod, imma fl-unisonu. It-tielet u l-aħħar parti ta' dit-taqsima tagħlaq bil-Kor ikanta melodija ġdida fl-unisonu; (d) it-tonalità tibqa' l-istess, imma l-burdata tagħha tinbidel f'waħda festiva. F'dit-taqsima nsibu żewġ partijiet, bl-ewwel waħda kantata mill-Kor, u li mbagħad tiġi mwieġba bl-istess mod mill-Poplu. L-aħħar ħames battuti huma mħollija għall-Ammen. Dit-taqsima hi wkoll l-itwal fost l-erba' taqsimiet tal-Glorja.

05 **Alleluja**: Modalità: Eżakorda (Fa – Re); Temp: $^2/_4$ - ħieles; Għadd ta' battuti: 14. Il-Kor jintona l-ewwel Alleluja b'erba' noti li jaqblu mas-sillabar tal-kelma, u l-Poplu dlonk iwieġeb b'żewġ Allelujiet oħra (eż. 5). Il-melodija tagħmel użu mill-eżakorda – sistema medjevali msejsa fuq skala ta' b'sitt noti li tippermetti nofs ton wieħed biss bejn La u Si*b*. Dil-aħħar nota qiegħda wkoll fit-tonalità ta' Fa maġġuri, u għaldaqstant tniżżlet eżatt wara l-kjavi tal-vjolin (eż. 6). Fit-tieni parti jkun iċ-ċelebrant li jintona l-versett ta' qabel il-Vanġelu fi stil gregorjan, bla ma jintrabat f'temp partikolari. Wara dan, il-Kor jintona l-Alleluja mill-ġdid, u bil-Poplu jwieġeb lura bi tnejn oħra, u l-mużika tieqaf hemm.

ez. 5



ez. 6


06 **Jiena Nemmen**: Modalità: Eżakorda (Fa – Re); Temp: ħieles; Għadd ta' battuti: 9. L-istil gregorjan ikompli fil-Kredu wkoll, fejn iċ-ċelebrant jintona l-*Jiena nemmen f'Alla wieħed* billi juża l-istess noti eżakordali li kellna fl-Alleluja. Il-Poplu mbagħad iwieġeb billi jkanta l-ewwel tmint ivrus, minn *Il-Missier li jista' kollox* sa ... *U għall-fidwa tagħna*, fuq ton wieħed; sitta oħra, minn *U ħa l-ġisem* ... sa *U s-Saltna tiegħu ma jkolliex tmiem*, b'ton differenti; u bis-sebgħa l-oħra, minn *U fl-Ispirtu s-Santu* ... sa ... *u l-ħajja taż-żmien li ġej*, bl-istess intonazzjoni tal-ewwel waħda. B'hekk, il-Kredu jieħu forma ternarja bil-21 vers imqassmin kif ġej: (i) 1-8; (ii) 9-14; (iii) 15-21. F'dawk li huma numri simboliċi hemm ħafna x'wieħed jista' jgħid, iżda hawn nillimitaw ruħna billi ngħidu biss li t-tliet taqsimiet jirrappreżentaw lit-Trinità Mqaddsa: il-Missier (li jista' kollox), l-Iben (li ħa l-ġisem bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu), u l-istess Ruħ il-Qodos (li ġej mill-Missier u mill-Iben). L-Ammen tal-aħħar hi l-uniku kelma li titkanta fit-temp tagħha (temp doppju ta' żewġ semiminimi), b'sillaba waħda mqassma fuq żewġ noti qosra, u l-oħra fuq waħda twila, u b'kuruna fuq rasha.



Il-qoxra ta' quddiem tal-manuskritt tal-Quddiesa

07 **Innu Waqt l-Offerti**: Tonalità: Fa maġġuri / Modalità: Eżakorda (Fa – Re); Temp: $^2/_4$; Għadd ta' battuti: 4(x2)+10; Versi: Resp.: *Alleluia Alleluia* (x2); Salm: *Għannu flimkien għanja ġdida lill-Mulej: / Agħtu s-sebħ ta' ismu tul is-sema w' l-art.*; Poplu: *Alleluia Alleluia*. L-Innu qed fit-tonalità imsemmija, filwaqt li l-melodija tibqa' tuża l-istess skala eżakordali. Fih insibu wkoll waqtejn fejn il-mużika ddaħħal noti kromatiċi li jmorru lil hinn mit-tonalità li ninsabu fiha, u li iżda b'lewnhom, iżewqu ftit l-armonija li s'issa dejjem kienet bla mittiefsa. L-Innu jinqasam f'żewġ partijiet, bl-ewwel waħda qasira, u li tikkonsisti f'responsorju li fih il-kongregazzjoni twieġeb ripetutament l-Alleluia f'temp t'erba' battuti replikati.[35] Imbagħad jiġi s-salm, jew talba kantata, li wkoll jibda *in aria*, u li jitwieġeb bl-istess Alleluia min-naħa tal-Poplu.

---

[35] Ir-replika hi parti integrali mill-istruttura daqslikieku l-ewwel parti fiha tmien battuti.

Dal-innu kien diġà deher bl-isem ta' *Lill-Kbir Alla (Alleluja!)* f'p. 6, tal-ktejjeb *Innijiet Għal Waqt il-Quddiesa*, maħruġ mill-Kulleġġ tal-Kappillani fl-1969. Dil-ġabra ta' 33 innu kienet immirata għal dawk l-organisti li ma kellhomx l-akkumpanjament tal-innijiet il-ġodda. Ninnutaw ukoll, li t-temp tiegħu hu differenti minn dak li nsibu fil-Quddiesa ta' Stella Maris, fejn il-kompożitur immarkah *Vivace* biex juri li jrid jindaqq mgħaġġel u fuq ruħu sewwa.

08 **Qaddis**: Tonalità: Do maġġuri; Temp: $^2/_4$; Għadd ta' battuti: 22. L-innu jinqasam f'żewġ partijiet mhux indaqs, fejn il-waħda sservi ta' strofa u l-oħra ta' ritornell. Interessanti kif fil-*marcato*, il-melodija tibda tiela''l fuq mal-kelmiet: *Hosanna fl-għoli tas-smewwiet* (eż. 7). Ċertu għodod mużikali, bħalm'hi l-*Augenmusik,* li hi effettiva biss fil-għajn u mhux fis-smigħ, kienu spiss jiddaħħlu f'xogħlijiet vokali medjevali. Dawn kienu reġgħu bdew jintużaw ħafna fil-mużika rinaxximentali tas-seklu għoxrin. Intant, l-ewwel parti tal-innu tiegħu 14-il battuta u li tiftaħ bil-kelma *Qaddis* għal tliet darbiet (is-soltu numru simboliku) u mqegħdin f'melodija li ddur fuqha nnifisha peress li tibda u tispiċċa bl-istess nota. Hawn ukoll għandna tip ta' melodija f'forma ta' spiral li spiss insibu f'xogħlijiet Barokki ta' Bach u sħabu tal-istess epoka. Fit-tieni parti, nisġet il-mużika hi ħafn'iktar sempliċi u tuża biss it-trijade tal-korda mibnija fuq in-nota fundamentali. Dil-parti wkoll tagħlaq bl-istess *Hosanna*.

ez. 7



09 **Ħaruf t'Alla**: Tonalità: Mi*b* maġġuri / Modalità: Pentatonika; Temp: $^2/_4$; Għadd ta' battuti: 16. Dil-għanja titqiegħed f'tonalità ta' lewn aktarx qlubi ta' tliet bemolli li jissimbolizzaw dejjem it-Trinità. Anki t-temp inaqqas mill-ġirja tiegħu u jsir wieħed andant, li fil-mużika jfisser ħafna għax għandu mit-taħbit il-qalb (θ = 72). L-istess bħal *Augenmusik*, il-burdata tista' wkoll titpitter permezz tal-mużika biex tirrendiha aktar sabiħa f'espressjonitha. Fl-innu jiddaħħlu xi direzzjonijiet min-naħa tal-kompożitur, bħal ngħidu aħna r-*rallentando* fl-ewwel parti, u l-krexxend fit-tieni waħda, u logħob ieħor bil-volumi, li jintlaħqu minn wieħed għall-ieħor permezz ta' dekrexxend, kif ukoll il-pawsa sielma fuq l-aħħar nota fiż-żewġ partijiet. Dawn hu dak li jissejjaħ il-kulurit li bih jitgħanna dal-innu. U għad li fih żewġ partijiet, fil-fatt jiġi fih tlieta minħabba r-replika fl-ewwel waħda, u li għaldaqstant, il-frażi *Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja* tirrepeti ruħha bl-istess ammont ta' battuti. Mela hawnhekk issa għandna innu li qed f'tonalità bi tliet bemolli u mqassam fi tliet partijiet daqsinsew; bit-tnejn jorbtu mal-istess simboliżmu.

Fl-ewwel parti tal-innu għandna sentenza li tibda *in aria* u li tinqasam f'żewġ frażijiet inugwali ta' sitt u żewġ battuti rispettivament. U l-istess ħaġa jiġri fit-tieni parti. Ta' min jinnota wkoll, li l-melodija tintiseġ permezz tal-iskala pentatonika ta' b'ħames noti li bejniethom m'għandhom l-ebda kunflitt semitonali, u li allura bilfors ħa joffru dik is-serenità li ħafna drabi nsibuha fil-mużika orjentali (eż. 8). Ħaġ'oħra tal-aħħar, hu l-mod sublimi li bih jitgħannew iż-żewġ frażijiet *Ħenn għalina* u *Agħtina l-paċi*, it-tnejn immarkati li jridu jitkantaw kemm kemm jitleħħnu (*pianissimo*).

ez. 8


10 **Innu Waqt it-Tqarbin**: Tonalità: Mi*b* maġġ.; Temp: $^2/_4$; Għadd ta' battuti: 16; Versi: Resp.: *Roddu ħajr lill-Mulej għax Hu Tajjeb*; Salm: *Għax kbir hu isem il-Mulej, / Għax għal dejjem hi t-tieba tiegħu.* Innu qsajjar f'żewġ partijiet, bl-ewwel waħda replikata, u li tibda *in aria*. Għad li dal-innu iżomm l-istess tonalità bħal dak ta' qablu, il-melodija hawnhekk terġa' żżid il-La*b,* biex b'hekk tisfa eżakordali. L-ewwel parti hi replikata u tinkludi biss erba' battuti, filwaqt li t-tieni waħda hi ftit itwal u ta' karattru kemxejn differenti peress li tinkludi xi noti pedala fl-akkumpanjament min-naħa tal-orgni.

Dal-innu wkoll kien ġa deher f'paġna 5 tal-istess *Innijiet Għal Waqt il-Quddiesa* (1969) bħala innu nru 12 bl-isem *Roddu Ħajr lill-Mulej*. F'dil-verżjoni nsibu li l-armonizzazzjoni hi fqajra u wisq fjakka biex issostni ruħha. Fit-tieni verżjoni sar xi titjib għal biex din tiġi tinstema' aħjar u isbaħ. Oriġinarjament, dal-innu ma kellux l-istess temp (*Andante con moto*), u t-tieni parti kienet fi stil gregorjan, u għaldaqstant ħielsa minn kull temp.

11 **Innu f'Għeluq il-Quddiesa**: Tonalità: Fa maġġ.; Temp: $^4/_4$; Għadd ta' battuti: 16; Vers: Endekasillabu. Strofa: *Mulejna minn qalbna Oh! L-isbaħ tifħir. / Nixtiequ noffrulek ma radd ta' ħajr kbir. / Ħajr kbir O Mulejna jistħoqlok kull ħin. / Iżd' iżjed f'dis-siegħa ta' qlubna mqaddsin*. L-innu fih biss sentenza waħda bi tmien battuti, li tibda *in aria*, u tinqasam f'żewġ frażijiet indaqs u komplementari. Minkejja li f'tonalità waħda, l-innu jinkludi modulazzjoni żgħira, u n-nota waħdinija kromatika li hemm lejn l-aħħar tagħti lewn isbaħ lill-akkordju. Ta' min jgħid hawnhekk, li għal darba, it-temp hu wieħed ordinarju[36] t'erba' kwarti. Dal-istess innu jidher ukoll f'*Għanjiet il-Ġemgħa*, p. 130, li nħareġ fl-1993 u tgħammed bl-isem ta' *Mulejna, Minn Qalbna*. F'dil-edizzjoni, u f'dik oriġinali, il-Fa tal-baxx fil-ħames battuta tħalliet barra, liema battuta trid tiġi eżatt bħall-ewwel waħda. Dal-iżball kien tranġa fil-ktieb għall-orgni tal-*Innijiet Għal Waqt il-Quddiesa u Laqgħat ta' Talb*, p. 104, stampat fl-1983. Iżda sfortunatament imbagħad, fil-battuta ta' qabel, hemm xi noti neqsin fil-kjavi tal-baxx. Fl-istess innu wkoll, kunjom il-kompożitur tniżżel ħażin peress li għandu zewġ jejiet. L-ottavi konsekuttivi[37], li hemm fit-tieni battuta bejn iż-żewġ vuċijiet maskili, ukoll tħallew jgħaddu fit-tlitt edizzjonijiet.



Qoxra tal-ktejjeb bl-innijiet tal-quddiesa (1969)

**Xi innijiet oħra fil-ġabra t''Innijiet għal Waqt il-Quddiesa'**: Dal-ktejjeb bl-innijiet għal waqt il-quddiesa fih għaxar paġni u kien inħareġ mill-Kulleġġ tal-Kappillani f'Settembru tal-1969[38]. Fih insibu 12-il innu t'awturi u kompożituri diversi għal waqt l-Introjtu, l-Offertorju, it-Tqarbin u l-Għeluq il-Quddiesa. Fost dal-innijiet, Dun Gwido Calleja rnexxielu jdaħħal tlieta minn tiegħu. Rigward l-innijiet l-oħra, wieħed ma jistax jgħid jekk l-arranġamenti għall-orgni sarux minnu jew le. Fil-kelmtejn qabel tiegħu jgħidilna biss li dil-ġabra tinkludi xi innijiet ġodda li qabel ma kontx issibhom f'kotba oħra. U dwar l-akkumpanjament t'innijiet oħra li mhux inklużi fiha, biex wieħed isibhom fil-volum 'Nitlob, Inkanta' ta' Dun Karm Farruġia, u oħrajn fil-ħarġiet tal-Kummissjoni Liturġika. Fl-aħħar nett, hu jirrikkmanda wkoll biex l-innijiet ma jindaqqux bl-udit, imma jintuża l-akkumpanjament ipprovdut. Hawn taħt hi lista sħiħa tagħhom:

| Nru | Isem | Versi | Mużika | Pġ |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| 02 | Ħallina Nersqu Lejk Mulej | Bro. Henry F.S.C. | P. Edgar Gatt O.P. | 01 |
| 03 | Leħnek mis-Sema Sejjaħtli Mulejja | Arja Franċiża[39] | Joe Friġġieri[40] | 02 |
| 10 | Noffrulek Kbir Alla | Soru Klarissa[41] | Haendel | 03 |
| 11 | Dak li Tajtna O Mulejja | Bro. Henry F.S.C | John J. Ryan | 04 |
| 12 | Roddu Ħajr lill-Mulej | Rev. Tony Agius | D. Guido Calleja | 05 |
| 16 | O Mulej, Ħenn Għalina (Randan) | Rev. T. Agius | D. Guido Calleja | |
| 18 | Lill-Kbir Alla (Alleluja!) | D. T. Agius | D. Guido Calleja | 06 |
| 19 | Ma Jistħoqqlix Mulejja | Bro. Henry F.S.C | Ingliża | |
| 20 | Mulej Ġejna Qrib Artalek | Bro. Henry F.S.C | Elgar 1857-1934 | 07 |
| | L-Alleluja tal-Gradwal[42] | | D. Guido Calleja[43] | |
| 27 | Lil Alla bil-Ferħ Inkantaw | J. Friġġieri | R. Jeff | 08 |
| 32 | O Mulej Nagħtuk Kull Ġieħ | Rev. N. Aquilina | Ignaz Franz | 09 |

[36] Ġieli nsejħulu wkoll Komuni jew Binarju, u jingħaraf bl-ittra C li jkun hemm eżatt wara l-kjavi.
[37] Proprjament dawn qegħdin, waħda fl-ottava u l-oħra fl-unisonu, fejn it-tnejn jirduppjaw l-istess żewġ noti: Si*b* u La rispettivament.
[38] Dun Gwido kien ħa l-pussess ta' Stella Maris fit-28 ta' Novembru 1965.
[39] Tagħrif miġbur minn 'Għanjiet il-Ġemgħa' (ktieb il-kbir). Il-ktieb iż-żgħir ma jagħti xejn. F''Innijiet għal Waqt il-Quddiesa' (1983) jagħtihielna bħala għanja Taljana.
[40] Skont il-werrej alfabetiku tal-'Innijiet għal Waqt il-Quddiesa' (1983) jagħti lil A. Borg bħala awtur tal-versi.
[41] Din hi l-istess awtriċi li tatna l-kliem għall-'Innu tad-Dħul I' ta' Dun Gwido Calleja.
[42] Wara t-tieni lezzjoni tal-Ħdud.
[43] Ismu mhux qed imniżżel fil-ktejjeb.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 33 | Tifħir lill-Ħallieq Tagħna | Bro. Henry F.S.C | Mark Evans | 10 |

Innu li ma jidhirx fil-Quddiesa ta' Stella Maris hu nru 16, 'O Mulej, Ħenn Għalina' għal waqt ir-Randan. Dal-Innu qed in Fa maġġuri u f'temp ta' $^{2}/_{4}$, fejn l-għaxar battuti jindaqqu *Andante*. Il-versi huma ta' Dun Tony Agius u jinkludu responsorju: *O Mulejja, ħenn għalina*, u Salm: *Aħna ksirna l-liġi tiegħek, / issa rridu l-għaqda miegħek*. L-ewwel parti ta' dal-innu għandha ħafna mill-*Alleluia* li nsibu fil-Quddiesa ta' Stella Maris (eż. 9):

ez. 9




Min-naħa tagħha, it-tieni parti hi aktarx ħielsa mit-temp li jista' jxekkel il-kant gregorjan. Wieħed jinnota wkoll, li l-kant hu msieħeb min-noti twal fuq l-orgni bħalma nsibu fir-reċitattiv, li aktar jersaq lejn it-taħdit milli l-kant. Rigward l-'Alleluja tal-Gradwal', din mhix għajr l-ewwel parti tal-'Allelujah' meħuda mill-istess Quddiesa. L-istess innu reġa' deher f''Għanjiet il-Ġemgħa' f'p. 37 li kien ħareġ fl-1993.

**Innijiet oħra ta' Dun Gwido fil-ktieb 'Innijiet għal Waqt il-Quddiesa'**: Innijiet oħrajn mill-pinna ta' Dun Gwido Calleja jinsabu fil-ktieb 'Bil-Qima fil-Għana' li kien inħareġ mill-Provinċja Franġiskana f'Mejju tal-1973 u stampat fil-*Casa Musicale Edizioni Carrara* ta' Bergamo, l-Italja. Dil-ġabra t'innijiet għall-quddiesa kienu nġabru u tħejjew minn P. Alfons M. Sammut ofmconv., u li fiha mużiċisti Maltin taw sehemhom fil-qasam tat-tiġdid liturġiku li kien beda jseħħ wara l-Konċilju Ekumeniku Vatikan II. Waħda mill-miżuri effettivi li ħadet il-Knisja Maltija wara l-Konċilju kienet proprju t-twaqqif tal-Kummissjoni Liturġika, li mbagħad bidlet isimha għal Segretarjat Liturġija, u li fi ħdanha twaqqfu żewġ Kummissjonijiet, waħda għall-Arti u l-oħra għall-Mużika. B'dal-mod bdiet tintwera żieda gradwali fil-parteċipazzjoni waqt il-quddies u l-laqgħat mal-Mulej bdew jieħdu aktar ħajja u jħallu l-frott mixtieq. Parti minn das-suċċes kien dovut għall-kotba tal-kant li minn żmien għal ieħor bdew joħorġu mimlijin b'għadd mhux ħażin t'innijiet minn fejn wieħed seta' jagħżel b'mod għaqli 'skont il-ħtiġijiet u l-ħiliet ta' dawk li jiffurmaw l-assemblea liturġika.'[44]




Il-ktieb tal-mużika bil-qoxra ħamra bl-innijiet għall-quddiesa (1973)

Skont Mons. Profs Lupi, fid-daħla tiegħu ta' dal-ktieb: 'Qabel beda jseħħ it-tiġdid liturġiku, il-kant ma kienx nieqes miċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.' Imma sfortunatament, 'f'dan il-kant il-fidili ftit li xejn setgħu jieħdu sehem' peress li dan kien miktub għal nies tas-sengħa, u għad li kien tal-widna, kien diffiċli wieħed jeżegwih. Sa qabel ma daħlu fis-seħħ id-digrieti tal-Konċilju, iċ-ċerimonji tal-Knisja kienu jsiru kollha bil-Latin, u bil-qassis iqaddes dahru lejn in-nies. F'dinja moderna li bdiet il-ħin kollu tinbidel kull qasir żmien, Papa Ġwanni XXIII, u warajh ukoll Papa Pawlu VI, riedu jirriformaw il-Knisja Kattolika mill-qiegħ permezz t'aġġornament biex din tiġġedded u ġġedded l-appostalat tagħha. L-għan tar-riforma kien biex terġa' l-għaqda fost il-Kristjani, filwaqt li tgħin ħalli l-paċi ssaltan mill-ġdid fost il-ġnus kollha.

Min-naħa tiegħu, Patri Alfons, fil-kelmtejn qabel tiegħu, jgħid kif nibtet dil-idea li jiġbor għanjiet minn kompożituri Maltin: 'Hi tassew ħaġa sabiħa tisma' l-miġemgħa tal-Insara miġbura għall-quddies, tgħanni b'leħen wieħed f'ilsienha tifħir il-Mulej.' Dan għaliex skontu, sa dak iż-żmien, 'il-mużika, ħafna drabi msellfa mill-barrani, ma setgħetx tagħti libsa xierqa lill-ħsieb imlissen, wild moħħ Malti.' Għaldaqstant, dil-ġabra kellha l-għan

[44] Lupi - President tal-Kummissjoni Liturġika tal-Provinċja Maltija.

li tkun 'ta' għajnuna siewja lil dawk ta' rieda tajba li jixtiequ jaraw il-poplu jieħu sehem fil-kant', u jżid jgħid li, 'bil-ħaqq kollu għejew ikantaw u jisimgħu dejjem l-istess tnejn jew tlitt innijiet'.

| Nru | Titlu | Temp | Versi | Paġna |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| 36 | Sejjaħtli Missier Alla | *Moderato* | Soru Klarissa | 39 |
| 37 | Kemm Togħġobni d-Dar Tiegħek Mulejja | *Andante* | Dun Karm Farrugia | 40 |
| 92 | Ġesù tal-Evanġelu | *Andante* | Soru Klarissa | 94 |

Nru 36: Dan hu l-isem il-ġdid li ngħata lill-'Innu tad-Dħul I' li hemm fil-Quddiesa ta' Stella Maris. Fl-innu, li ismu ħadu mill-ewwel vers, insibu li għandu erba' strofi u jinsab fit-taqsima 'żmien matul is-sena – waqt id-dħul'. Iż-żewġ żbalji żgħar li kien hemm fit-tieni battuta tal-'Innu tal-Dħul I' ittranġa f''Sejjaħtli Missier Alla' bid-dħul tat-tieni akkordju, biex b'hekk m'hemmx aktar kwinti konsekuttivi bejn l-alto u l-baxx, u lanqas l-ottavi konsekuttivi bejn is-sopran u l-baxx li kienu nħolqu bejn it-tieni u t-tielet battuta. Dit-tiswija aktarx saret minn Dun Karm Scerri, li skont ma jgħid Patri Alfons fil-kelmtejn qabel, kien responsabbli mill-qari tal-provi u t-tiswijiet meħtieġa fejn jidħlu versi u mużika.

Nru 37: Dal-innu wkoll tgħammed b'isem ġdid li ttieħed mill-ewwel vers. Qabel kien jismu biss 'Innu tad-Dħul II' fil-Quddiesa ta' Stella Maris. F'dil-verżjoni nsibu li fih tliet strofi, dejjem mill-pinna ta' Dun Karm Farrugia. L-istess innu kien deher ukoll f''Għanjiet il-Ġemgħa'[45], p. 57, imma fih ma jġibx ħlief strofa waħda, anki jekk il-bqija taż-żewġ strofi l-oħra jidhru fil-ktieb iż-żgħir li jitqassam fl-idejn waqt il-quddiesa. Wieħed jinnota wkoll, li l-ottavi konsekuttivi li hemm bejn tenur u baxx – mit-tieni taħbita tat-tieni battuta għall-minima li tiġi eżatt wara – tħallew jgħaddu bla ma ssewwew. Kulma kien jinħtieġ hu li s-semiminima tat-tenur minn La tinbidel f'Do.

Nru 92: Tonalità: Fa maġġ.; Temp: $^{2}/_{4}$; Għadd ta' battuti: 33. Dal-innu ma jidher imkien ieħor ħlief f'dil-edizzjoni u qed fit-taqsima t'innijiet għal waqt it-tqarbin. Fih insibu ħames strofi bil-vers settenarju, imbejna dejjem bi vrus ir-ritornell. L-Innu għandu forma binarja, parti għall-istrofa u l-oħra għar-ritornell. L-ewwel waħda fiha 16-il battuta, jekk tneħħi l-kwart aspett żejjed li hemm fil-bidu. Dan qed hemm għalxejn u jkun aħjar jekk il-mużika tibda *in aria*. L-istess battuti jistgħu jinqasmu f'erba' frażijiet daqsinsew, u bl-ewwel u t-tielet waħda jkunu eżatt l-istess. F'dil-parti, il-melodija għandha tendenza li titla' u tinżel aktarx b'mod imtarraġ. Fil-bidu tagħha m'hemmx immarkat volum, u ma toffri xejn f'dak li hu kulurit. Mhux l-istess jista' jingħad għar-ritornell, li għalkemm għandu l-istess tul, fih mhux ħażin marki tal-espressjoni. Il-*forte* tal-bidu jiftaħ mill-ewwel bi krexxend u jagħlaq eżatt wara b'dekrexxend. Fit-tieni frażi mbagħad, il-mużika tinżel *pianissimo* ħabta u sabta, u ma terġax tgħolli leħinha qabel ir-raba' frażi. L-ebda waħda mill-erba' frażijiet mhi bħall-oħra (eż. 10).

ez. 10



[45] Il-ktieb hu pubblikazzjoni tal-Kummisjoni Mużika Sagra, Arċidjoċesi ta' Malta u stampat fil-Media Centre Print, Blata l-Bajda fl-1993.